MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 113/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Brian Mallia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Brian Mallia talli:

(1) Fl-24 ta' Frar 2005 ghall-habta ta' l-10.00 a.m., gewwa c-Centru Detox fl-Isptar San Luqa, Pieta`, bhala persuna li kien mizmum skond il-ligi, harab mill-kustodja tal-pulizija;

(2) Fit-23 ta' Frar 2005 ghall-habta tal-11.00 p.m. gewwa Triq Rodolfu, Sliema:

(i) Volontarjament kiser il-bon ordni u/jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u/jew glied u/jew mod iehor;

(ii) Ingurja u/jew hedded u/jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' W.P.C. 45 Marisa Bartolo, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienet taghmel jew inhabba li kienet ghamlet dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghha jew li jinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
(iii) F'post pubbliku qal kliem oxen u/jew indicenti; u

(iv) Bhala persuna li f'Malta gie kkundannat ghal serq jew ghal ricettazzjoni nstabu fil-pussess tieghu ghodod tajbin ghall-ftuh jew sgassar ta' serraturi minghhajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu dawn l-ghodod kienu ghandu f'dak iz-zmien;

(3) Fit-23 ta' Frar 2005 f'tas-Sliema u/jew fi bnadi ohra tal-Gzejjer Maltin saq vettura tal-ghamle Subaru J10, numru CAK-317 minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni;

(4) Fit-23 u l-24 ta' Frar 2005, f'dawn il-Gzejjer, irrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Marzu 2007, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 18, 95(1), 252(1), 338(dd), 338(m), 338(bb), 23, 30, 49, 50, 287, 151 u 160 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Brian Mallia hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh u kkundannatu ghal prigunerija ghal zmien sena mil-liema perijodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa ghamel taht arrest preventive in konnessjoni ma' dan il-kaz. Inoltre dik il-Qorti ordnat il-konfiska ta' l-oggetti esebiti fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2005 u mmarkati bhala Dok. JM2, 3, 4, 5 u 8;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Brian Mallia pprezentat fit-23 ta’ Marzu 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu tirrigwarda l-htija izda tibdel il-piena b’ohra aktar adatta fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell mill-piena. L-appellant jghid li r-reati li bihom gie akkuzat huma ammessi. Barra minn hekk jghid illi l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra certi fatturi li hargu mill-provi u li, skond hu, messhom immilitaw ghat-tnaqqis fil-piena karcerarja li huwa gie kkundannat jiskonta. Isemmi s-segwenti fatturi: (1) Kien hu stess li ta lilu nnifsu f’idejn il-Pulizija ftit wara li harab mid-Detox Centre peress illi rrejalizza li kien zbalja. (2) Ghalkemm l-ewwel Qorti semmiet li l-appellant hu dipendenti mid-droga, hija ma dahlitx aktar fil-profond biex tghinu jsib soluzzjoni permanenti ghall-problema. Huwa wettaq hafna mir-reati minhabba d-dipendenza assoluta tieghu fuq id-droga. Bhala cittadin ghandu jigi mghejjun biex ifieq minn din il-problema. Huwa minnu li l-ewwel Qorti ghamlet rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin biex jipprovdi l-ghajnuna mehtiega lill-appellant, izda l-appellant isostni li tali rakkomandazzjoni ser taqa’ fuq widnejn torox bir-rizultat li ftit xhur ohra ser johrog minn dik il-Facilita` u jerga’ jispicca fit-toroq ifittex id-droga. Ghalhekk jenfasizza li din il-Qorti ghandha tassigura li dik ir-rakkomandazzjoni tigi tabilhaqq effettwata.

Jinghad l-ewwelnett li in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun

hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

Il-piena dwar l-ewwel imputazzjoni hija dik ta’ prigunerija ghal zmien mhux inqas minn sitt xhur izda mhux izjed minn sena. Dik dwar l-imputazzjoni 2(ii) b’referenza ghall-artikolu 252(1) tal-Kap. 9 hi ta’ prigunerija ghal mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa mizjuda bi grad. Dik dwar l-imputazzjoni 2(iv) hi ta’ prigunerija ghal mhux aktar minn tliet xhur. Dik dwar it-tielet imputazzjoni, stante li minn ezami tal-fedina penali jidher li dan kien l-ewwel reat, multa ta’ mhux anqas minn Lm1,000 izda ta’ mhux izjed minn Lm2,000 jew prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur, jew il-multa u prigunerija flimkien. Imbaghad stante r-recidiva l-piena tista’ tizdied bi grad. Minn dan kollu ghalhekk jidher li l-appellant seta’ gie kkundannat ghal massimu ta’ sentejn prigunerija. Konsegwentement m’hemmx dubju li l-piena hi fil-parametri tal-ligi.

Kwantu ghall-ammissjoni tieghu, ma jirrizultax li l-appellant irregistra ammissjoni quddiem l-ewwel Qorti u l-ewwel darba li stqarr l-ammissjoni tieghu kien fir-rikors ta’ appell tieghu. Ghalhekk huwa ma jistax jibbenefika minn tnaqqis fil-piena minhabba xi ammissjoni bikrija.

L-appellant isostni li ghalkemm kien harab mid-Detox Centre, hu stess ta lilu nnifsu f’idejn il-Pulizija ftit wara. Skond l-Ispettur Joseph Mercieca (a fol. 110) l-appellant kellu appell il-Qorti, il-Pulizija kienet taf bih u stennietu u nqabad il-Qorti stess. Jidher li dan kien kwazi xahar wara, u cioe` fit-22 ta’ Marzu 2005 meta nghatat is-sentenza li kopja taghha giet esebita mill-istess appellant (Dok. AL1 a fol. 74 – 77). Dawn ic-cirkostanzi ma jindikawx li l-appellant ta ruhu f’idejn il-Pulizija volontarjament u ghalhekk ma jimmerita l-ebda tnaqqis fil-piena.

Dwar il-problema ta’ l-abbuz ta’ droga, din il-Qorti – bhall-ewwel Qorti – hi tal-fehma li stante d-diversi

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

opportunitajiet li l-appellant nghata sabiex jirriforma ruhu u sabiex ifieq minn din il-problema, ma tistax hlief tqis li l-piena idoneja anke f'dan il-kaz ghandha tkun dik ta' prigunerija effettiva. Imbaghad, kuntrarjament ghal dak li jghid l-appellant, din il-Qorti ghandha fiducja li d-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin jiehu r-rakkomandazzjonijiet li jaghmlu l-Qrati taghna bl-akbar serjeta`. Naturalment min ikun jehtieg programm ta' rijabilitazzjoni mill-problema tad-droga irid ikun motivat sabiex ifieq minn dan il-vizzju mishut u jissottometti ruhu ghar-regolamenti ta' dik il-Facilita`. B'hekk ukoll l-appellant ikun jista' jigi inserit fi programm ta' rijabilitazzjoni skond kif ikunu jippermettu dawk ir-regolamenti. F'dan il-kuntest din il-Qorti qed tikkonferma r-rakkomandazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

Ghal dawn il-motivi:

Tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier. Il-piena ta' sena prigunerija  ghandha titqies effettiva millum u bit-tnaqqis taz-zmien kollu li l-appellant ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz biss.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------